MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 367/2006/1

**Gemma Cassar**

**v.**

**Graham Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li jghid hekk:
“1. Illi l-kontendenti zzewgu f’Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ April tas-sena elf disa’ mija hamsa u disghin

(1995), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala 'Dok A'.

"2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, u cioe` Henrietta li twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u Jakob li twieled fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002).

"3. Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt redatt u ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia, kif jirrizulta mid-dokument anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala 'Dok. B'.

"4. Illi l-kunsens taz-zwieg ta' l-attrici u/jew tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

"5. Illi l-kunsens taz-zwieg tal-attrici u/jew tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

"6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess, r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(1) Tiddikjara u tippronunzja li z-zwieg bejn il-konjugi B li gie ccelebrat Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995), huwa null u bla ebda effett legali, taht l-Artikolu 19 (1) (d), u/jew 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi l-konvenut jaqbel illi z-zwieg ta' bejniethom ghandu jigi ddikjarat null u bla effett minn din l-Onorabbli

Qorti izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu u dan hekk kif huwa se jipprova waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-3 ta' April, 2008, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Arpil 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali "ta' l-attrici u/jew tal-konvenut" kienu vvizzjati fit-termini tal-paragrafu [f] u l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel li z-zwieg huwa null, jichad li dan huwa imputabbli lilu.

"Dawn huma l-parametri gudizzjarji ta' l-azzjoni odjerna.

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

"Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' April 1995, meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin hames [5] snin. Bejn sitt xhur u sena qabel iz-zwieg il-partijiet kienu perjodikament jikkoabitaw flimkien. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: fit-23 ta' Awissu 1999 u l-iehor fil-21 ta' Jannar 2002. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' [7] snin il-partijiet isseparaw, u fl-4 ta' April 2005 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

"Illi l-attrici[1] tilmenta principalment mill-fatt li mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom kien manifest l-indhil tal-genituri tal-konvenut, partikolarment ta' ommu, u l-influwenza

[1] Aff. Fol.18 *et seq*. u Dep. Fol.30 *et seq*

kbira li dawna kellhom fuq binhom il-konvenut. Hija tilmenta wkoll mill-fatt li l-konvenut kien jahdem barra ghal tul taz-zmien u dan kien ta' ostakolu ghat-tishih tar-relazzjoni ta' bejniethom.

"L-attrici tispjega ulterjorment li meta hija bdiet tohrog mal-konvenut, dana kien jahdem il-Libya fuq bazi ta' 4 gimghat hemm u hmistax Malta. Eventwalment, lejn l-ahhar sitt xhur qabel iz-zwieg, il-konvenut matul il-hmistax li kien jaghmel Malta kien joqghod ghand l-attrici li kienet tghix waheda u dan bi skop li jsiru jafu lil xulxin aktar. Matul dawn il-gimghatjen huma kien ikollhom x' jaqsmu flimkien "quite regularly".

"Jidher li din il-konvivenza pre matrimonjali kienet taghti fastidju lill-genituri tal-konvenut bir-rizultat li dawna kienu jaghmlu pressjoni fuq binhom, fil-forma ta' insistenza, sabiex jizzewweg u jirregolarizza l-posizzjoni. L-attrici tghid li wkoll il-konvenut "beda jghidli li jrid jizzewweg ghaliex beda jikber…Graham beda jinkwieta hafna peress li kien ghalaq it-tletin sena.. qabdu ferh ta' genn biex jizzewweg." L-attrici tghid li f'dawn ic-cirkostanzi "hassejt li ma kellix alternattiva ohra hlief li naccetta li nizzewweg lil Graham." Izda bil-kondizzjoni, accetata mill-konvenut, li dana ma jibqax jahdem barra minn Malta.

"Fid-depozizzjoni taghha tghid: "I didn't want to get married. Ma ridtx nizzewweg <u>dak iz-zmien</u>, kont kuntenta nistenna."

"Illi ghalkemm l-attrici fl-affidavit taghha tiddeskrivi z-zwieg taghha bhala "passiv hafna" il-partijiet kellhom zewgt itfal b'interval ta' tlett snin bejniethom. Hija tispjega li t-tnejn kienu xtaqu t-tfal fiz-zwieg, pero` qabel ma kellha l-ewwel tarbija hija kienet korriet tlett darbiet. Sussegwentement il-konvenut rega' beda jahdem barra minn Malta, u eventwalment twieldet it-tieni tarbija f'Jannar tas-sena 2002. Jidher pero` li r-relazzjoni matrimonjali ta' bejn il-partijiet kienet iddeterjorat, partikolarment meta l-konvenut kien beda jahdem is-Sudan fuq bazi ta' erba' [4] xhur barra u hmistax Malta.

“Illi l-konvenut, li ghandu l-professjoni ta’ consultant engineer, jaqbel ma’ l-attrici li kien hemm certu ndhil min-naha ta’ ommu u li kellu gibda specjali lejn il-genituri tieghu. Huwa pero` jispjega li hu mhuwiex “mummy’s boy, imma l-familja tieghi kienet dejjem, jien dejjem nirrrispetta lil ommi u lil missieri …. Inhoss sens ta’ responsabbilita` u ta’ rispett lejhom.” Izda jammetti li, anke matul iz-zwieg, fl-inkwiet matrimonjali li kien jinqala’ minhabba din il-gibda lejn il-genituri tieghu, “f’qalbi kont dejjem niehu n-naha tal-familja tieghi, u mhux ta’ marti, kont nissusspetta li qed taghmel hekk ghax tghir u din izjed kienet tweggani milli li nwegga’ lil marti”.

“Illi l-konvenut jikkonferma li huma kienu ghamlu xi zmien, sena, jghixu flimkien qabel iz-zwieg meta kien ikun Malta; u li dan l-istat kien jikkrea certu tensjoni bejniethom peress li l-genituri tieghu ma kienux japprovaw; izda hu hass li peress li kellu certu eta` li kellhom jizzewgu, hu, kontra qalbu, kien accetta l-kondizzjoni maghmula minn martu li dana ma jiqbax jahdem barra minn Malta. Fi kliemu: “ .. nahseb hassejt jiena li wasal iz-zmien li nissetilja, forsi ghax kelli dik go fija li xtaqt insir missier, biss nahseb dik kienet l-unika haga [raguni ghaliex] li jiena accettajt li nieqaf nahdem barra; li jkolli familja fis-sens li jkolli t-tfal tieghi.”

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi u semghet ix-xhieda hija tal-fehma li l-ebda wahda mill-kawzalijiet mressqa mill-attrici ma hija sostnuta mill-provi; anzi l-provi jdghajjfu u jinnewtralizzaw dawn l-istess kawzali.

“Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat li jikkontempla, bhala wahda mir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, il-kaz fejn il-kunsens ta’ parti, jew tal-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

“Fil-kaz in disamina, ghalkemm jirrizultaw certu diffikultajiet fir-relazzjoni tal-partijiet, kemm qabel kif ukoll

wara z-zwieg, ma jirrizultax li xi parti ssimulat il-kunsens taghha billi esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg izda nternament b'att pozittiv tal-volonta` taghha eskludiet iz-zwieg jew wiehed mill-obbligu matrimonjali essenzjali, li fil-gurisprudenza assodata huma dawk derivanti minn unjoni permanenti u esklussiva, bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

"In propozitu l-konvenut jistqarr b'mod car li huwa ried jizzewweg lill-attrici, li kien ilu jikkoabita maghha perjodikament fuq perijodu ta' sena, biex isir missier u jkollu familja. Tant ried hekk, li huwa kien accetta li jrrinunzja ghax-xoghol tieghu barra minn Malta biex jikkuntenta lill-attrici. Illi anke min-naha taghha l-attrici xtaqet li tikkonvivi mal-konvenut u jkollha t-tfal fiz-zwieg mieghu, tant li qabel ma zzewgu kienet espressament qaltlu sabiex jsib xoghol f'Malta biex ikunu jistghu jaghmlu aktar hin flimkien; u anke hi riedet li jkollhom tfal f'dan iz-zwieg, tant li wara diversi tentattivi ghal dan il-ghan huma kellhom zewgt itfal.

"Illi rigward l-allegazzjoni attrici fis-sens illi, li kieku kien ghaliha hi ma kinitx tizzewweg lill-konvenut <u>f'dak iz-zmien</u> u li kienet "kuntenta nistenna"; din, *dato non concesso*, ma timmiltax kontra l-premess, stante li mill-provi jirrizulta car li, wara li l-konvenut kien accetta li jirrinunzja ghax-xoghol tieghu barra minn Malta, hija kienet <u>iddecidiet volontarjament</u> li taccetta li tizzewweg lill-konvenut fiz-zmien li sar iz-zwieg.

"Illi rigward din il-kawzali l-Qorti tirribadixxi li dina mhijiex sostnuta mill-provi; izda, ghal kuntrarju, il-provi juru li, <u>fil-mument tal-ghoti</u> tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet <u>riedu</u> jizzewgu u jghixu l-hajja matrimonjali flimkien bil-ghan li jkollhom it-tfal u jibnu familja.

"Di fatti damu jikkonvivu ghal [seba'] 7 snin qabel ma sseparaw sforz ta' problemi li zviluppaw u pprecipitaw wara z-zwieg u li, ghalkemm jiggustifikaw is-separazzjoni personali bejniethom, ma jissodisfawx l-estremi rikjesti ghall-annullament ta' zwieg, la fuq din il-kawzali, u lanqas

fuq it-tieni kawzali li hi bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

"Dan il-paragrafu jikkontempla bhala wiehed mill-*capita nullitatis* il-kaz fejn parti jew iz-zewg partijiet, ikunu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg; li skond il-gurisprudenza interpretattiva, jezisti meta l-partijiet, jew parti minnhom, tkun affetta mill-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li parti tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla u li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

"Fil-kaz in dizamina dawn il-fatturi li jikkostitwixxu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ma jirrizultawx; u dan b'mod ampju.  Ma jirrizultax li l-partijiet ma kellhomx certu dixxerniment tal-hajja matrimonjali, tal-obbligi u d-drittijiet taghha; anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet kienu ben konsapevoli tal-fatt li huma kellhom l-obbligu tal-konvivenza u tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied.  Tant hu hekk, li qabel ma l-attrici accettat li tizzewweg lill-konvenut hija riedet li l-konvenut ma jahdimx aktar barra minn Malta biex ikollhom aktar hin ghalihom flimkien, liema kondizzjoni giet accettat mill-konvenut li min-naha tieghu ried li jibni familja.  Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta ampjament li l-partijiet kienu jafu x' inhuma l-obbligi li timporta l-hajja matrimonjali; u ghalhekk anke din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta mill-provi.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ma timmeritax li tigi milqugha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
"... ... thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza moghtija nhar it-3 ta' April 2008 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili

[Sezzjoni Familja] per Imhallef Dr. N. Cuschieri fl-ismijiet ‘Gemma Cassar v. Graham Cassar’ Citazzjoni Numru. 367/2006 u dana billi tiddikjar wkoll, fl-isfond ta’ l-eccezzjoni mressqa mill-konvenut-appellant li z-zwieg huwa null u bla effett b’imputabbilita` ghall-attrici u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontro l-attrici appellata.”

Semghet lid-difensuri tal-konvenut appellant; l-attrici appellata ma deheritx ghall-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2008, ghalkemm debitament notifikata, u anqas deher l-avukat taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghall-annullament taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet li zzewgu fit-23 ta’ April, 1995. L-attrici talbet dan a bazi tal-Artikolu 19(1)(d)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta). Dawn is-subincizi jikkontemplaw annullament f’kaz ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u f’kaz li l-kunsens ghaz-zwieg ikun simulat.

L-ewwel Qorti, wara li anke semghet id-deposizzjoni tal-partijiet, waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova l-kawzali tat-talbiet taghha u cahdet it-talbiet taghha.

Il-konvenut, li accetta li z-zwieg tieghu mal-attrici hu null, izda ghar-ragunijiet imputabbli lilha, appella mis-sentenza u qed jinsisti li z-zwieg tieghu ghandu jigi iddikjarat null.

Fil-kuntest ta’ annullament ta’ zwieg, din il-Qorti fil-kawza “Tonna v. Tonna” deciza fis-6 ta’ Novembru, 1991, osservat li:
“F’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta` ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi

kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero` dan ma ghnadux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.”

Hekk ukoll, fil-kawza “Zammit v. Zammit”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 2006, intqal li:
“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe` li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti cioe` li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”

Trattat l-ewwel il-kawzali ta’ simulazzjoni, kif osservat din il-Qorti fl-istess kawza “Zammit v. Zammit” aktar qabel imsemmija:
“Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirravviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkompatibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”

Hekk ukoll fil-kawza "Cassar v. Cassar" deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2004, intqal fil-kuntest ta' din il-kawzali li:
"Biex l-attur jirnexxilu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabbilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita`. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova wkoll li l-konvenuta, b'att pozittiv tal-volonta` taghha, fil-verita` cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta` taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabbilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi *actore non probante reus absolvitur.*"

Issa f'dan il-kaz ma jistax jinghad li saret din il-prova. L-attrici stess tghid (u dwar dan mhux kontrodetta) li l-konvenut ried jizzewweg; hu beda jhoss li kien qed jikber u ghalkemm kienu qed jikoabitaw ried li jifformalizza l-ghaqda fi zwieg. Hu kien se jaghlaq it-30 sena u, fi kliem l-attrici, "qabdu ferh ta' genn biex jizzewweg". Da parti taghha, l-attrici tghid li hi xtaqet li jistennew aktar, pero`, la l-konvenut ried jizzewweg, accettat hi wkoll li tiehu dak il-pass. Forsi ghaliha z-zwieg gie kmieni, pero`, ma jistax jinghad li hi ma riedetx tizzewweg. Ma jirrizultax li hi, b'xi att pozittiv, eskludiet iz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu u mill-provi ma giex muri li hi dahlet ghaz-zwieg mhux b'impenn u b'rieda li tinghaqad mal-konvenut f'hajja flimkien.

L-attrici tghid li hi zzewget ukoll wara pressjoni mill-genituri peress li hi u l-konvenut kienu qed jabitaw flimkien f'relazzjoni li l-genituri ma kienux qed jappruvaw. Hu veru

li kien hemm certa pressjoni mill-genituri, pero` ma jirrizultax li l-partijiet gew imgieghla jizzewwgu. It-tnejn, fil-fatt, riedu jizzewwgu, il-konvenut qabel l-attrici, pero` hadd ma eskluda, fil-mument tal-kunsens, ir-rieda ghaz-zwieg. Jista' jkun li zzewwgu hekk kmieni wara l-pressjoni li saritilhom mill-genituri, pero`, ma jirrizultax li kienu izzewwgu minhabba u bil-pressjoni li saritilhom.

L-attrici riedet li qabel ma jizzewwgu, il-konvenut isib xoghol f'Malta (u mhux ikompli jahdem ghal xhur shah f'pajjiz esteru kif kien qed jaghmel qabel), u l-konvenut, peress li xtaq jizzewweg u jibni familja, accetta li jitlaq ix-xoghol tieghu barra minn Malta. Wara li ghamel dan il-pass, l-attrici accettat b'mod volontarju li tizzewweg mal-konvenut fiz-zmien li fil-fatt dan sehh.

Fil-kuntest tal-kawzali marbuta ma' difett serju ta' deskrezzjoni ta' gudizzju, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Agius v. Agius", deciza fil-25 ta' Mejju, 1995, qalet li:
"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Min-naha l-ohra li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judici hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."

Din il-Qorti fil-kawza "Mizzi v. Mizzi", deciza fil-15 ta' Novembru, 2005, qalet ukoll li:
"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' deskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri minghajr impulsi nterni li jkunu nehhew il-liberta` ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien affett minn xi inkapacita` psikika li jimpeduh li jiddeciedi

liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Il-koppja kienet ilha madwar hames snin fir-relazzjoni, u sena pogguti qabel ma zzewwgu, u ma jirrizultax li huma ma kienux jifhmu x'kien mehtieg minnhom wara z-zwieg. Il-konvenut seta` kien marbut mal-familja naturali tieghu aktar min-normal, pero`, ma jirrizultax li din ir-rabta fixklitu milli jassumi l-obbligu naxxenti miz-zwieg.

Hu allegat ukoll li l-pressjoni tal-genituri biex jizzewwgu ma hallithomx kalmi jahsbu fuq il-pass li kienu se jiehdu, pero`, dan ma giex ippruvat. Fuq kollox kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Zammit v. Zarb" deciza fil-25 ta' Gunju, 2007,
"Wiehed ma jridx jinsa li biex jista' jinghad li dak li jkun kien priv mill-kapacita` li jiddeciedi liberament minhabba impulsi interni, dawk l-impulsi jridu jkunu iddeterminaw l-ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha".

Ma hemm ebda prova li minhabba s-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha l-partijiet qabel iz-zwieg, xi hadd minnhom kien, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ibati minn anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Qabel ma tikkonkludi, din il-Qorti trid tirrimarka fuq il-mod xejn serju kif il-partijiet ikkonducew il-kaz. Kull ma ressqu bhala prova kienet biss ix-xhieda taghhom, b'ebda korroborazzjoni lanqas minn membri tal-familja taghhom, u mbaghad jippretendu li a bazi ta' provi hekk skarni l-Qorti taqbad u tannulla zwieg li minnu l-partijiet ghandhom zewgt itfal.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi waqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------